REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 905/2009

tat-28 ta' Settembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 537/2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni għall-prodott ta' fermentazzjoni *Aspergillus oryzae* (NRRL 458) (Amaferm) bħala addittiv fl-għalf

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 13 (3) tiegħu,

Billi:

(1) Trouw Nutrition BV ppreżentat applikazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 li tipproponi bidla fl-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 537/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni għall-prodott ta' fermentazzjoni *Aspergillus oryzae* (NRRL 458) (Amaferm) [2] bħala addittiv fl-għalf għall-baqar tal-ħalib. L-awtorizzazzjoni hija marbuta mad-detentur tal-awtorizzazzjoni. Id-detentur huwa Trouw Nutrition BV.

(2) L-applikant jistqarr li ttrasferixxa l-awtorizzazzjoni biex iqiegħed dak l-addittiv fis-suq lil Biozyme Incorporated li issa huwa s-sid tad-drittijiet biex iqiegħad dak l-addittiv fis-suq. L-applikant bagħat dokumenti xierqa li jappoġġjaw il-pretensjonijiet tiegħu.

(3) Il-bidla proposta tat-termini tal-awtorizzazzjoni hija purament amministrattiva fin-natura tagħha u ma tirrikjedix valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi kkonċernati. L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel ġiet infurmata bl-applikazzjoni.

(4) Biex Biozyme Incorporated titħalla tisfrutta d-drittijiet biex tqiegħed dak l-addittiv fis-suq, hemm bżonn bidla fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 537/2007 għalhekk għandu jiġi emendat skontu.

(6) Huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżitorju li matulu l-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw kollha.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 537/2007, fil-kolonna 2, il-kelmiet "Trouw Nutrition BV" jinbidlu bil-kelmiet "Biozyme Incorporated".

Artikolu 2

Il-ħażniet eżistenti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sal-1 ta' April 2010.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29
[2] ĠU L 128, 16.5.2007, p. 13.